# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar is-16 ta' Gunju 2021

**Rikors Numru : 391/2020 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**AB**

**Vs**

**MB**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' AB datat 10 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar is-sitta (06) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġ (2) ulied u ċioe' RB imwielda f'X u li llum hija maġġorenni kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bħala 'Dok B' u MJB li twieled Y, li llum huwa wkoll maġġorenni madankollhu għadu jsegwi programm edukattiv fuq bażi full-time, kif jidher ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala 'Dok Ċ';*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Vanessa Poole hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D';*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi l-intimata tirċievi mingħand l-esponent il-manteniment adekwat għal MJB fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350), hekk kif stipulat fil-kuntratt redatt min-Nutar Dottor Vanessa Pool hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D';*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

(i) *Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

(ii) *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota ta' MB, datata 12 ta' Mejju 2021, a fol 34, ikkonfermata bil-gurament, li taqra hekk:

*Li permezz taghha tiddikjara li ma toggezzjonax ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, u cioe' li tigi akkordata t-talba ghal divorzju bejna u bejn l-attur. Dan qed isir bil-kondizzjoni li ma jigix varjat il-kontenut tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AB** xehed (vide affidavit fol 30) illi l-partijiet iltqaghu fis-sena 1980 u zzewgu nhar is-6 ta' Settembru 1987. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, tnejn li huma maggiorenni. L-attur zied jghid li huwa jivversa manteniment ghal MJB li ghadu qed jistudja gewwa l-MCAST. Sostna illi filfatt daz-zwieg ma rnexxiex u l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Poole nhar is-26 ta' Frar 2011. Iddikjara illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni u dan stante li llum l-gurnata ghandu rabtiet ma persuna ohra apparti z-zmien li l-kontendenti ilhom separati.

**MB** xehdet (vide affidavit fol 36) u kkonfermat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba'***

*snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Settembru 1987, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1472/1987 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied illum it-tnejn maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat nhar is-26 ta' Frar 2011, fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Poole (vide Dok D, a fol 6 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-partiijet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu' ma jirrizultaw ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1472/1987 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**